# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 29 ta' Frar, 2016**

**Talba Nru: 327/2015/VG**

**Jeffrey Micallef (ID. Nru. 398684M)**

**vs**

**Master Enterprise Company Limited (C35359)**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fl-24 ta' April, 2015** u li permezz taghha talab lis-socjeta intimata thallasu s-somma ta' elf tlett mija sitta u ghoxrin euro u hamsa u tletin centezmi ta' euro [€1,326.35c] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Is-somma ta' elf tlett mija sitta u ghoxrin euro u hamsa u tletin centezmu (€1,326.35) mitluba f'dan l-avviz tirraprezenta d-danni kollha sofferti mill-attur, konsegwenza ta' hlas erronju a favur tas-socjeta intimata rizultat tas-segwenti kronologija ta' fatti:

1. Permezz ta' skrittura privata datata 11 ta' Ottubru 2013, l-attur kellu jithallas is-somma ta' Euro39,671.64.
2. Permezz ta' l-istess skrittura surreferita, l-attur kellu jhallas lis-socjeta konvenuta s-somma ta' Euro1,326.64.
3. Illi tali hlas dovut mill-attur lis-socjeta konvenuta kellu jsir permezz ta' tpaccija ma l-ammont dovut mis-socjeta intimata lill-attur.
4. Dan il-ftehim kien suggett ghall-ftehim finali in vista li dan l-arrangament kien jifforma parti minn ftehim ta' bejgh ta' ishma fis-socjeta konvenuta.
5. Illi meta sar il-ftehim finali quddiem in-Nutar Abela bi svista l-ammont ta' Euro1,326.35 dovut lis-socjeta konvenuta gie pacut darbtejn b'dan li l-attur ghamel hlas erronju lis-socjeta intimata ta' Euro1,326.35 liema ammont fil-fatt ma kienx dovut in vista ta' dak miftiehem bejn il-partijiet.
6. Illi ghal kull buon fini jinghad li gew depositati taht l-awtorita tal-Qorti s-somma ta' Euro822.32, liema somma hija ukoll dovuta lill-mittenti flimkien mall-ammont reklamat f'dan l-avviz ta' Euro1,326.25.
7. Illi minhabba li s-socjeta konvenuta rrifjutat illi tirrifondi lura tali hlas, l-attur kien kostrett ihallas lill-bank BOV tali ammont, liema ammont ghalhekk qieghed jigi reklamat mill-istess socjeta konvenuta.

   Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Marzu, 2015 u bl-imghax legali b'effett mis-27 ta' Frar, 2015 sad-data tal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni".

**Ra r-risposta tas-socjeta intimata minnha pprezentata fit-8 ta' Mejju, 2015** u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

1) Illi l-allegazzjonijiet huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan kif ser jigi trattat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2) Illi di piu ghandu jirrizulta li ma sar ebda zball u dak li gie miftiehem kien il-ftehim iffirmat u li b'hekk ghandu japplika l-principju Pacta Sunt Servanda.

3) Illi quddiem in-Nutar Abela gie mahdum il-bilanc li kellu jinghata lir-rikorrenti skont il-kuntratt miftiehem u dan il-ftehim gie siggillat fil-firem.

4) Illi hadd mill-partijiet ma gie mgieghel jiffirma il-kuntratt anzi kien hemm atmosfera ta' ftehim.

Ra l-verbal tal-24 ta' Gunju, 2015 fejn it-Tribunal ordna lis-socjeta intimata sabiex sa l-1 ta' Lulju, 2015 ir-risposta mressqa minnha fit-8 ta' Mejju, 2015 tigi dattilografata.

Ra l-verbal tat-12 ta' Novembru, 2015 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Semgha t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas minghand is-socjeta intimata l-hlas ta' l-ammont ta' €1,326.35c rappresentanti danni sofferti minnu konsegwenza ta' hlas erronju a favur tas-socjeta intimata. Is-socjeta intimata da parti taghha qalet li l-allegazzjonijiet huma nfondati fil-

fatt u fid-dritt. Qalet ukoll li ma kien sar l-ebda zball u li dak miftiehem ghandu jigi rispettat a bazi tal-principju pacta sunt servanda. Zied ighid li l-bilanc li kellu jinghata lir-rikorrenti nhadem quddiem in-Nutar Abela u ssiggillat bil-firem tal-partijiet u li hadd mill-partijiet ma gie mgieghel jiffirma l-imsemmija ftehim.

Ikkunsidra;

2. **Xehed Saviour Micallef** li qal li r-rikorrenti jigi ibnu u li dan kien impjegat tas-socjeta intimata. Qal ukoll li hu kien direttur u azzjonista fis-socjeta intimata u li ibnu r-rikorrenti kien silef xi flejjes lis-socjeta intimata u l-ftehim li kien sar bejn ibnu u s-socjeta intimata kien li huwa kellhu jerga jiehu lura s-somma mislufa. Huwa ghadda sabiex ipprezenta kopja ta' dan il-ftehim li gie mmarkat bhala dok. SM 1 (fol. 32 et seq). Qal li meta waslu biex jaghmlu l-ahhar pagament, huwa kien ghadda l-karti u l-kontijiet kollha lill-ufficju u tawhom cekk ta' xi €800 u xi haga. Meta imbaghad gew ezaminati l-kontijiet irrizulta li r-rikorrenti kellhu jghaddi lis-socjeta intimata s-somma ta' €1,300 izda mbaghad gie skopert zball u li dan l-ammont thallas doppju (fol. 15). Is-sistema tal-hlasijiet mis-socjeta intimata lir-rikorrenti kienet issir billi "*l-pagamenti li ahna konna naghmlu lir-rikorrenti kien jidhol fil-kont tieghu mbaghad il-Bank mill-kont tieghu jiehu l-pagament dovut ghal loan li kellu t-tifel mal-istess Bank Imbaghad id-differenza li kien ikun hemm jiena kont nitfahha fil-kont tat-tifel biex jinzel l-istess ammont tal-loan*" (fol. 15). Qal li ibnu r-rikorrenti kien ha zewg *loans* mill-Bank of Valletta p.l.c. Is-socjeta intimata da parti taghha kienet thallas lir-rikorrenti s-somma ta' €3,000 fix-xahar. Dan l-ammont kien jinqasam in kwantu ghal €122.90 li kien jitpogga minnha fil-kont tar-rikorrenti bin-numru 40010403152 filwaqt li l-bilanc ta' cirka €2793 kien jitpogga minnha f'kont iehor tar-rikorrenti bin-numru 40012465907 (Dok. SM 3). X'hin gie saldat dan il-l-ewwel *loan*, imbaghad is-socjeta intimata kienet bdiet taghmel l-istess haga fit-tieni *loan* u cioe kienet tqieghed l-ammont ta' €83.20 li kien jitpogga minnha fil-kont tar-rikorrenti bin-numru 40010403152 filwaqt li l-bilanc li kien jifdal mill-ammont ta' €3,000 kien jitpogga minnha f'kont

iehor tar-rikorrenti bin-numru 40012465897 (Dok. SM 4). Ix-xhud qabel li kien sar ftehim bejn is-socjeta intimata u r-rikorrenti datat 29 ta' Jannar, 2014 quddiem in-Nutar Anthony Abela (Dok. SM 5). Mistoqsi mit-Tribunal x'kellhu xi jghid fuq dan il-ftehim, tenut kont tal-ahhar klawsola f'dak id-dokument fejn hemm miktub illi "*in vista ta' din il-kitba u ffirmata kambjali jigi dikjarat li ma baqa l-ebda bilanci ohra bejn il-partijiet u kwalsiasi dokumenti ohra ffirmati bejn il-partijiet jitqiesu li huma mhassra u revokati*" (fol. 17), x-xhud qal li dan il-ftehim kien gie ffirmat dak inhar li kienu gew iffirmati zewg kuntratti ohra "*jaharqu*" (fol. 17). Dawn izz-ewg kuntratti "jaharqu" kienu saru bejn ix-xhud u kuh u kienu jirrigwardaw il-qsim tal-kumpanija intimata u l-assi taghha bejniethom. L-izball, kompla jghid ix-xhud "*gie skopert minna wara li kien gie ffirmat dan il-ftehim u ezattament meta kien ser isir l-ahhar pagament u precizament wara t-tnejn (02) ta' Frar tas-sena elfejn u hmistax (2015)*" (fol. 17).

3. **Ir-rikorrenti** xehed u qal li huwa hallas darbtejn lis-socjeta intimata l-ammont ta' €1,325.61c. Dan l-ahhar ammont kien dovut minnu ghal materjal li kien ha minghandha. Pero meta saru l-konteggi, l-ammont kien gie ndikat darbtejnmeta fir-rejalta kellhu jigi kkunsidrat darba wahda biss. Qal li l-izball kien sar originarjament meta kienet inhadmet ic-cifra originali ta' €39,671.64c li minnha kien tnaqqas dan l-ammont ta' €1,325.61c. Zied ighid li "*meta mbaghad gejt biex niehu l-ahhar pagament halli jinghalaq il-loan jiena kont gibt l-istatement tal-bank sabiex ikunu jistghu jaraw l-ammonti li kien ghad fadal biex ikun jista jinghalaq il-loan u s-socjeta intimata giet b'cekk ta' €822.32c*" (fol. 20). Qal li fir-rejalta, ma dan l-ahhar ammont ta' €822.32c kellhu jinghata ukoll l-ammont ta' €1,326.35c. B'kollox ghalhekk, huwa kellhu jiehu l-ammont ta' €2,148.67c. Skond ma jirrizulta mid-dok. SM 2 (fol. (fol. 35) l-ammont li kellhu jinghata kien ta' €2,912.45c. Id-differenza bejn dawn iz-zewg ammonti li tigi €763.78c huwa l-imghaxijiet li kienu ghadhom dovuti apparti l-kapital. Mistoqsi in kontro-ezami jekk huwa kienx accetta l-ammont ta' €822.32c minghand is-socjeta intimata, huwa qal li ma kienx accetta dan l-ammont l-ghaliex "*jiena kont qieghed nippretendi li l-ammont illi kelli nircievi minghand is-socjeta ntimata kienet ferm aktar*

*minn dak l-ammont*" (fol. 20). Mistoqsi dwar id-dok. MF 1 (fol. 43) huwa qal li ma jaf xejn dwaru.

4. **Xehdet Cheryl Gauci Micallef**, oht ir-rikorrenti qalet li mill-konteggi li hija ghamlet, irrizulta li r-rikorrenti kien hallas l-ammont ta' €1,325 darbtejn. Qalet li fuq il-ftehim datat 29 ta' Jannar, 2014 l-ammont kien tnizzel bhala €37,000 meta fir-rejalta kellu jkun l-ammont ta' €39,492.48c.

5. **Pio Tabone**, accounts u administration officer mas-socjeta intimata qal li mill-*workings* li huwa ghamel, irrizulta "*li hemm zball favur ir-rikorrenti fl-ammont ta' elf mija u sitta u sittin Ewro (€1,166) u xi centezmi*" (fol. 24). Zied ighid li dan l-ammont ta' €1,166 huwa apparti l-ammont ta' €822.32c li gew depositati l-Qorti mis-socjeta intimata.

6. **Emanuel Micallef**, in rapprezentanza tas-socjeta intimata qal li l-ammont li ftiehem fuq l-iskrittura datata 29 ta' Jannar, 2014 kien intlahaq bi ftehim bejniethom. Qal li l-accountant tas-socjeta intimata Pio Tabone ma kienx maghhom meta kien intlahaq il-ftehim bejn il-partijiet. Huwa qal li hu kien iddepozita l-ammont ta' tmien mija u xi haga u dan peress li r-rikorrenti ma kienx accettah. Qal ukoll li l-ftehim quddiem in-Nutar Abela sar sew u li kollox kien sew.

Ikkunsidra ulterjorment;

7. Fit-trattazzjoni, hareg il-punt ta' jekk l-ammont ta' €1,326.35 li qieghed jirreklama r-rikorrenti fit-Talba odjerna huwiex rizultat ta' zball fil-konteggi li kienu saru jew inkellha kienx tnaqqas mill-partijiet bhala kompromess meta giet iffirmata l-iskrittura bejn il-partijiet fid-29 ta' Jannar, 2014. It-tribunal huwa konvint li dak li sar kien frott ta' zball. Dan ghaliex meta l-partijiet kienu waslu ghal bilanc ta' €37,000 li kien dovut mis-socjeta intimata lir-rikorrenti, tnizzlet is-somma ta' €37,000 meta fir-rejalta, kulhadd qabel, hlief ghar-rapprezentant tas-socjeta intimata li l-ammont kellhu jkun ta' €39,492.48c. It-Tribunal ma giex muri ghas-sodisfazzjon tieghu li l-

ammont ta' €37,000 kien intlahaq bhala kompromess. Fil-fatt, fl-ewwel klawsola tal-ftehim datat 29 ta' Jannar, 2014 insibu hekk: "*Jiddikjaraw li wara li nhadmu il-bilanci bejn il-partijiet u cioe ta' hlasijiet dovuta minn Jeffrey Micallef li Kumpanija u ta' bilanci dovuta minn Master Enterprise Company Limited lil Jeffrey Micallef jirrisulta li baqa Bilanc bejn il-partijiet ta' sebgha u tletin elf euro (€37,000) dovut minn Master Enterprise Company Limited lil Jeffrey Micallef*" (fol. 41). Ghalhekk it-Tribunal qieghed jifhem li l-izball sehh meta kienu saru l-konteggi u l-konteggi ma jintlahqux b'kompromess izda billi jinghadd ak li thallas u dak li kien ghadu dovut. Wara kollox, anke l-*accountant* tas-socjeta intimata qabel li r-rikorrenti kellhu jiehu ammont aktar minn dak li tnizzel fl-imsemmija skrittura. Huwa semma l-ammont ta' €1,166. Issa bejn dan l-ammont u l-ammont reklamat ta' €1,326.35 hemm differenza ta' €160.35c. It-Tribunal, wara li ra l-konteggi jaqbel ma l-ammont reklamat mir-rikorrenti. Is-socjeta intimata insistiet fuq il-punt tal-pacta sunt servanda fl-eccezzjoni taghha b'mod partikolari ghal dak li jinghad fl-ahhar klawsola ta' l-iskrittura datata 29 ta' Jannar, 2014 fejn inghad hekk: "*In vista ta' dina l-kitba u ffirmar ta' kambjali jigi dikjarati li ma baqa l-ebda bilanci ohra bejn il-partijiet u kwalsiasi dokumenti ohra ffirmati bejn il-partijiet jitqiesu li huma mhassra u revokati*" (fol. 42). Pero t-Tribunal jara li jekk jippermetti din is-sitwazzjoni, s-socjeta intimata tkun qeghda tarrikkixxi ruhha indebitament a skapitu tar-rikorrenti. Dan apparti dak li jipprovdi l-artikolu 1735 tal-Kapitolu 16 li jghid "*Kull waħda mill-partijiet għandha jedd li titlob li jiġi msewwi żball ta' kalkolu li sar fit-transazzjoni*"[1]. Ghalhekk, oltre l-ammont depositat permezz tac-cedola numru 450/2015 fl-ammont ta' €822.32c hemm dovuta mis-socjeta intimata lir-rikorrenti s-somma reklamata f'dawn il-proceduri ta' €1,326.35c.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mis-socjeta intimata, qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lir-

[1] Ara **It-Tabib Principali tal-Gvern vs Dr. Mario Bonnici** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' April, 2009 (App. Nru. 77/2004/1) u **Hubert Spiteri vs Carmel Mifsud** ukoll deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' April, 1998 (App. Nru. 194/94).

rikorrenti l-ammont ta' elf tlett mija u sitta u ghoxrin euro u hamsa u tletin centezmi ta' euro [€1,326.35c] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mis-27 ta' Frar, 2015 sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Marzu, 2015, huma a kariku tas-socjeta intimata.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**